MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

Seduta tad-9 ta' Mejju, 2008

Appell Kriminali Numru. 387/2007

**Il-Pulizija**

**v.**

**George Galea**

**Il-Qorti**:

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra George Galea ta’ 31 sena iben Lucrezio Joseph u Mary Doris nee` Balzan imwieled Hal-Qormi fl-01/11/1973, detentur tal-karta ta’ l-identita` bin-numru 116274M, talli fis-6 ta’ Settembru 2005 ghal habta ta’ 14.30hrs fil-fond 9 ‘Morning Breeze’ Triq Gdida fi Triq l-Ghakkies, Naxxar, minghajr il-hsieb li jisraq jew li jaghmel hsara kontra l-ligi izda biss biex jezercita jedd li jippretendi li ghandu naqas li jhalli lil Jean Schembri jidhol fil-proprjeta` tieghu;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-30 ta’ Ottubru, 2007 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-

imsemmi George Galea hati skond l-imputazzjoni u, wara li rat l-Artikolu 85 tal-Kodici Kriminali, kkundannatu jhallas multa ta' hamsa w ghoxrin lira (Lm25);

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi George Galea, minnu prezentat fid-9 ta' Novembru 2007, li permezz tieghu talab ir-revoka ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; rat ukoll id-digriet preliminari taghha tal-15 ta' Frar 2008 fuq pregudizzjali (ta' nullita` tar-rikors ta' appell) sollevata mill-prosekuzzjoni; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet; ikkunsidrat:

Dan hu appell f'kawza ta' *ragion fattasi* u l-fatti li taw lok ghaliha huma, bazikament, is-segwenti. Jean Schembri u Marco Galea jghixu kull wiehed f'*maisonette* li wahda hi sovraposta ghall-ohra, Schembri f'ta' taht u Galea f'ta' fuq. Dawn inxtraw minnhom minghand l-Awtorita` tad-Djar. Bhala parti integrali mill-kuntratt kien hemm diversi kundizzjonijiet, fosthom li Galea u martu huma marbuta li "jhallu s-sidien tal-fond sottopost ipoggu *tank* ta' l-ilma kif ukoll *aerial* tat-televizjoni u tar-radju…" fuq il-bejt taghhom, kif ukoll li jaghtuhom "…access liberu fuq il-bejt biex izommu l-imsemmija *tank* u *aerials* f'kondizzjoni tajba u biex jaghmlu t-tiswijiet mehtiega." Il-kwerelant Schembri jikkontendi li huwa, wara li kien avza lil, u kiseb il-permess ta', l-appellant Galea, kien tela' fuq il-bejt ta' l-istess Galea u hemm wahhal mhux *aerial* tat-televizjoni izda "satellite dish" zghir. Ikompli jghid il-kwerelant li in segwitu, meta huwa kellu bzonn jaghmel tiswijiet fuq dan id-*dish*, Galea rrifjuta li jippermettilu jitla' fuq il-bejt mid-dar tieghu (ta' Galea), tant hu hekk li f'okkazzjoni minnhom Schembri kellu jaccedi fuq l-imsemmi bejt minn bejt iehor (ta' terza persuna); u f'okkazzjoni ohra, meta l-permess biex jaccedi gie lilu michud, huwa baqa' ma setax jitla' jaghmel it-tiswijiet u/jew manutenzjoni fuq l-imsemmi *dish*. Min-naha tieghu l-appellant jikkontendi li skond il-kuntratt, Schembri kellu dritt iwahhal, apparti *tank* ta' l-ilma, "aerial" u mhux "satellite dish". Inoltre jghid li meta Schembri wahhal dan id-*dish* mhux veru li huwa kien ta l-kunsens tieghu; anzi jghid li Schembri semplicement sab xi haddiema li kienu ghadhom qed jahdmu fuq il-post tieghu (ta' Galea) u

minghajr ma avzah jew tah pre-avviz ragjonevoli, dahal gol-*maisonette* tieghu u baqa' tiela fuq il-bejt u wahhal id-*dish* fejn ried hu, b'mod li meta hu (Galea) mar filghaxija biex jara x-xoghol li kienu ghamlulu l-haddiema fil-post tieghu, sab is-*satellite dish* diga` mwahhal.

L-aggravju ta' l-appellant hu, bazikament, li l-ewwel qorti ghamlet valutazzjoni skorretta tal-provi, ghax a bazi ta' dawk il-provi hija kellha tasal biex tillibera lill-appellant, allura imputat.

Din il-Qorti kellha l-opportunita` li tisma' kemm lil Schembri kif ukoll lil Galea jiddeponu, u hi tal-ferma konvinzjoni li l-verzjoni korretta ta' kif twahhal id-*dish* hija dik moghtija minn Galea, u cioe` li dan id-*dish* twahhal kompletament ad insaputa ta' l-istess Galea. Ghalkemm Galea (u anke martu, li pero` ma gietx imharrka) kien obbligat li jaghti access liberu lil Schembri ghal fuq il-bejt tieghu biex dan iwahhal u jmantni dawk l-affarijiet imsemmija fil-kundizzjonijiet annessi mal-kuntratt, huwa ovvju li tali access minn u/jew ghal gol-proprjeta` tieghu kellu jigi precedut bi pre-avviz ragjonevoli. Schembri, invece, forsi ghax irrealizza li *satellite dish* huwa xi haga ferm differenti minn *aerial* tat-televizjoni – ghalkemm jistghu jservu ghall-istess skop – u li allura seta' jkun hemm opposizzjoni min-naha ta' Galea, qabad u dahallu ad insaputa tieghu fi hwejjgu, u wahhal id-*dish* fejn ried hu. Il-htiega ta' preavviz anke biex wiehed iwahhal it-*tank* ta' l-ilma u l-*aerial* tat-televizjoni, apparti li hija regola tal-bon vicinat, tohrog anke implicitament minn kondizzjoni ohra marbuta mal-kuntratt aktar 'l fuq imsemmi, u cioe` li jekk "ikun hemm nuqqas ta' qbil fejn ser jigu installati t-*tank* u l-*aerials* dan jigi deciz mill-Awtorita` [tad-Djar] jew mill-Qorti". Fi kliem iehor, kien Schembri li vvjola l-proprjeta` ta' Galea billi dahallu fiha <u>ad insaputa tieghu</u> u wahhal xi haga (differenti minn dik li hemm fil-kundizzjonijiet tal-kuntratt) <u>fejn ried hu minghajr qabel ma kkonsulta ma' l-istess Galea dwar fejn l-oggett kellu jitwahhal</u>. L-appellant Galea kien ghalhekk intitolat, b'interpretazzjoni analogika tal-principju *vim vi repellere licet*, li ma jhalli lil Schembri jaghmel xejn aktar li biha l-

posizzjoni tieghu, cioe` ta’ l-istess Galea, vis-à-vis dan is-*satellite dish* tigi aggravata.

Konsegwentement hemm lok li l-appell jigi milqugh. Ghalhekk din il-Qorti tilqa’ l-appell interpost, thassar u tirrevoka s-sentenza appellata, u tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni, htija w piena.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------